MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 424/2010

**A k/a B C**

**-vs-**

**Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina li b'digriet tal-31 ta' Jannar 2011 gew nominati kuraturi deputati ghall-assenti D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A k/a B C, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet saru jafu lil xulxin gewwa Tunez f'Jannar tas-sena 1994;

Illi sussegwentement, il-partijiet iltaqghu numru ta' drabi ohra gewwa Tunez, izda baqghu jirrisjedu fil-pajjiz originali

taghhom u ghaldaqstant ma kinux jiffrekwentaw ta' spiss lil xulxin;

Illi f'Ottubru 1997, l-intimat gie Malta u fis-16 ta' Dicembru 1997, il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku, Valletta, Malta (Dok. A);

Illi wara z-zwieg, l-atteggjament tal-intimat versu martu inbidel u ma gabx ruhu ta' mizzewweg fil-konfront ta' martu r-rikorrenti, sahansitra kien jippreferi johrog ma' shabu milli ma' martu;

Illi fil-fatt, l-intimat baqa' aktar igib lill-familja tieghu f'Tunez u kien jaghmel ammont ta' zmien fis-sena gewwa Tunez;

Illi kien hemm ukoll drabi fejn l-intimat telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix ma' hbieb tieghu;

Illi fis-16 ta' Novembru 2006, il-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dr. William Azzopardi (Dok. B);

Illi l-atteggjament tal-intimat wara z-zwieg jindika li dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens ghaz-zwieg tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq min-naha tal-intimat.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fis-16 ta' Dicembru 1997 kif indikat f'estratt veru mill-Att taz-Zwieg numru tnejn, tnejn, tnejn, sebgha zbarra elf disa' mija u sebgha u disghin 2227/1997 u dan ai termini

tal-artikolu 19 sub-artikolu 1 para (c), (d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta, li permezz tieghu, inhatru l-Avukat Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina bhala kuraturi ghal D E.

Rat ir-risposta mahlufa tal-fuq imsemmija Kuraturi li permezz taghha eccepew:

Illi f'dan l-istadju, l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, meta u jekk ikunu edotti mill-fatti. F'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti u/jew l-avukat taghha sabiex jipprovdulhom kull informazzjoni li jista' ghandhom dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti hija Maltija filwaqt li l-intimat huwa minn Tunez, fejn iltaqghu l-partijiet. Izzewgu f'Malta, u xahar wara gie missier l-initmat u beda jghix maghhom. Minn hemm bdew il-problemi. Peress illi kien jidher li l-intimat baqa' influenzat mill-familja tieghu, li qatt ma tawh l-opportunita' li verament ikun indipendenti. Is-sitwazzjoni wasslet ghall-isfaxxar ta' relazzjoni. Ma ghenx is-sitwazzjoni, il-fatt li l-intimat kien aktar dispost jghin finanzjarjament lill-familja tieghu f'Tunez milli lil martu f'Malta. Ir-rikorrenti qed titlob lill-Qorti tiddikjara li z-zwieg huwa null a tenur tal-Art. 19 (1) (c) (d) u/jew (f).

Issa, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**", (deciza fis-27 ta' Jannar, 2006):

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

Il-Qorti tibqa' biex tikkonsidra dan il-kunsens fid-dawl tal-provvediment li testwalment jipprovdi ghan-nullita' ta' zwieg.

"*19 (1) (f): Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-element essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*"

Fil-kawza "**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**" (deciza fit-30 ta' April, 2009), il-Qorti tal-Appell irriteniet illi:

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens* ***Muscat vs Borg Grech noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere"*."

Ukoll fil-kawza "**Josette Spiteri nee' Scicluna vs George Spiteri**" (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar, 2001):

"*Dana d-difett – is-simulazzjoni tal-kunsens – gie ezaminat f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti (ara, inter alia, "Anna Galea vs. John Walsh", (30 ta' Marzu, 1995) u "Dr. Stephen Muscat vs. A Borg Grech", (14 ta' Awissu, 1995). Biex jirrizulta dana d-difett irid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-parti in kwistjoni (jew iz-zewg partijiet jekk l-allegazzjoni tkun fil-konfront tal-kunsens tat-tnejn) tkun eskludiet b'att pozittiv tal-volonta' iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg.*"

Fil-kawza "**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**" (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002), imbaghad gie konfermat illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.*"

Fil-kaz in ezami, il-provi prodotti jwasslu lill-Qorti ghall-konkluzjoni li l-agir tal-intimat sussegwenti ghall-mument taz-zwieg wera bic-car li huwa ma kellu qatt l-intenzjoni li jifforma ma' martu dik il-komunjoni ta' hajja u mhabba li hija essenzjalment iz-zwieg.

Dan stabbilit, il-Qorti tqis li m'ghandhiex tindaga oltre ghar-rigward tal-kawzali l-ohra.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' Dicembru 1997 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu minn D E b'dana illi provvisorjament l-ispejjez relatati mal-kuraturi jithallsu minn A C.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------